

HOTEL CRYSTAL PALACE 4*
FIĊ-ĊENTRU TA' ANDRIA

A: 6 t'ijiem | B&C: 5 t'ijiem

Southern Italy

# Best of Puglia

## Grupp A: 28 ta' Marzu - 02 t'April (Easter)
## Grupp B: 23 - 27 ta' Mejju
## Grupp C: 20 - 24 ta' Ġunju

**INŻURU: ANDRIA, POLIGNANO AL MARE , OSTUNI, ALBEROBELLO, TRULLI, LOCOROTONDO, BARI, S,GIOVANNI ROTONDO, MONTE S. ANGELO, MARTINA FRANCA**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, Half board u Taxxi mħallsa)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €740 | €690 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €745 | €695 |
| Kamra ta' persuna waħda | €800 | €750 |
| Tfal sa 11-il sena ma żewġ adulti | €640 | €590 |
| Suppliment Grupp A | | €70 |

**Prezz jinkludi**

- Titjira bir-Ryan Air: Malta-Bari-Malta,
- 20kg baggage allowance u reserved seat.
- Hotel Crystal Palace 4 star fiċ-ċentru ta'Andria.
- Buffet continental breakfast
- Ċena kuljum
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency protection

### L-Ewwel Jum
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta`Malta fl'10:00 għat-titjira ma' Ryan Air FR7108 f'11:55 lejn Bari Airport fejn naslu fis-13:15 Wara jkollna tluq lejn **Santa Maria di Colonna** fejn nagħmlu waqfa halli ngawdu La Riva al mare u l-lungomare Cristoforo Colombo. Inkomplu lejn Il-belt sabiħa ta' **Trani** li hija mlaqqma "Il-Perla tal-Adrijatiku". Hawn flimkien mat-tour leader naraw il-Katidral di San Nikola Pellegrino li jiddomina x-xatt tas-sajjieda minn pożiżżjoni spettakolari. Inżuru wkoll iċ-ċentru storiku, Piazza dlla Repubblica, Castello Svevo u Parco Comunale. Inkomplu l-vjaġġ lejn **Andria** fejn issir sistemazzjoni tal-kmamar fil-Hotel Cristal Palace 4 stars. Ċena u ħarġa mat- tour leader

### It-Tieni Jum
Breakfast. Illum ser nitilqu lejn belt sabiħa **Polignano al Mare**. Mat-tour leader mixja panoramika madwar il-famużi "Terrazze" fejn naraw veduti tal-baħat Adrijatiku, l-irdumijiet, bini mżerżaq madwar sqaqien fiċ-ċentru storiku bi traċċi tal-passat Għarbi, Biżantin u Spanjol. Ħin biex nieħu ritratt mal-monument ta' Domenico Modugno, Piazza dell-Orologio u il-famuża Piazza Aldo Moro. Inkomplu vjaġġ qasir u nidħlu **Alberobello** belt rinominata fl-Unesco World Heritage minħabba t-Trulli Rione Monti. Ħin liberu madwar dawn id-djar żgħar għar-ritratti u xiri ta' Souvenirs. Ritorn lejn Andria. Ċena fil-hotel u passiġġjata madwar Parco Comunale Guzeppe Marano.

### It-Tielet Jum
Breakfast: Illum ġurnata speċjali, ambentali, spiritwali ġewwa l-**Gargano**. Nibdew il-vjaġġ tagħna fejn niskopru **"Le Saline di Margherita Di Savoia"** fuq medda twila ta' madwar 20 km. Inkomplu madwar veduti sbieħ tal-Gargano lejn **San Giovanni Rotondo**. Ma' eluf ta' Pellegrini, it-tour leader niskopru l-high-lights relatati ma' Padre Pio, St Maria delle Grazie, Is-Santwarju di San Pio u ħin liberu għax-xiri ta' relikwi u talb personali ħdejn il-qabar tal-qaddis. Aktar tard inkomplu l-vjaġġ fost xenarju tal-**Parco di Gargano** biex inżuru t-territorju ta' **Monte Sant'Angelo** fejn tinsab il-Grotta/ Santwarju fl-għar enormi ta' San Mikiel. Ħin liberu għax-xiri. Ritorn lura lejn Andria fejn bil-coach ngħaddu min SP55 fejn ser ingawdu veduti muntanjużi u tal-**Kosta Manfredonia**. Ritorn lejn Andria. Ċena u ħarġa oħra mal-leader fejn niskopru c-centru storiku flimkien ma' Pjazza Catuma.

### Ir-Raba' Jum
Breakfast Illum ser ikollna vjaġġ panoramiku fejn l-ewwel waqfa ser tkun: "**Santuario Madre di Dio Incoronato**" Is-Santwarju fejn hemm meqjuma l-Verġni Mqaddsa Marija Inkoronata magħrufa l-Madonna s-sewda. Inżuru dan il-Kumpless antic, il-pjazza quddiem is-Santwarju u l-kampnar imponenti (57 metru għoli). Inkomplu l-vjaġġ qalb "It-Tavoliere" li hija żona agrikola importanti sakemm naslu ġewwa **Foggia** belt ewlenija magħrufa bħala "**Granary of Italy**". Mat tour-leader nagħmlu walking city tour madwar Foggia fejn flimkien niskopru l-Katedral, Piazza Camillo Cavour, Parco Comunale, Piazza Italia, Piazza XX Settembre u ċ-ċentru Storiku. Ritorn lejn Andria: Ċena u ħarġa mat tour-leader ġewwa Corso Cavour.

### Il-Ħames Jum Groups B + C
Breakfast u ħin liberu. Wara nofs inhar tluq lejn il-belt kapitali ta' Puglia, **Bari**. Ħawhekk ikollna 'Panoramic & walking city tour' madwar iċ-ċentru ta' Bari. Fost l-oħrajn nżuru ċ-ċentru storiku nibni fuq il-port ta' Bari, Castello Svevo, Basilica San Nicola, Via Sparano, Teatro Petruzzelli ġo Corso Cavour. Ħin biex nesperjenzaw ġo Via delle Orchiette u l-lungomare sabiħ ta' Bari, magħrufa bħala: "Napoli Del Sud". Wara 'l-ħin liberu nkomplu bil-coach lejn l-ajruport ta' bari għat-Titjira Ryan Air FR7101 li ttir 22:55 u naslu Malta 00:55.

### Il-Ħames Jum
Tluq min Andria biex illum niskopru żewġ perli ta'Puglia. **Altamura** u **Gravina**. Il-mixja tagħna ġewwa Altamura tibda minn Porta Bari, nidħlu fiċ-ċentru storiku li jwassalna ħdejn il-Katedral sabiħ mibni min Federiku II tas-Swabia bil-portal skolpit u t-Torri Gotiku tal-arloġġ. Niskopru t-toroq dojoq u palazzi nobbli fejn fil ħin liberu nistgħu nieqfu nduqu l-famuża ħobża ta' Altamura. Ħin liberu u wara nkomplu lejn Gravina li hija belt famuża mibnija madwar blat u għerien pittoreski. Inżuru Villa Comunale, Piazza Benedetto XIII u l-belveder ta' La Gravina. Ritorn lejn Andria, ċena u wara passiġġata mal-leader

### Is-Sitt Jum
Breakfast u wara tluq lejn il-belt kapitali ta' Puglia, **Bari.** Ħawhekk ikollna 'Panoramic & walking city tour' madwar iċ-ċentru ta' Bari. Fost l-oħrajn nżuru ċ-ċentru storiku nibni fuq il-port ta' Bari, Castello Svevo, Basilica San Nicola, Via Sparano, Teatro Petruzzelli ġo Corso Cavour. Ħin biex nesperjenzaw ġo Via delle Orchiette u l-lungomare sabiħ ta' Bari, magħrufa bħala: "Napoli Del Sud". Wara 'l-ħin liberu u nkomplu bil-coach lejn l-ajruport ta' Bari għat-Titjira tal Malta Air FR9874 li ttir 16:20 u naslu Malta 17:40